

32005D0451

L 158/26

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

21.6.2005

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2005/451/ĠAI

tat-13 ta' Ġunju 2005

li tiffissa d-data ta' applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 871/2004 dwar l-introduzzjoni ta' xi funzjonijiet ġodda għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, inkluż fil-ġlieda kontra t-terroriżmu

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) 871/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar l-introduzzjoni ta' xi funzjonijiet ġodda għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, inkluż fil-ġlieda kontra t-terroriżmu ⁽¹⁾ (ir-"Regolament tal-Kunsill"), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 (2) tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-24 ta' Frar 2005 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/211/ĠAI dwar l-introduzzjoni ta' xi funzjonijiet ġodda għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, inkluż fil-ġlieda kontra t-terroriżmu ⁽²⁾.
- (2) Skond l-Artikolu 2(1), (2) u (3) ta' dik id-Deċiżjoni, xi dispożizzjonijiet tagħha jieħdu effett fid-dati speċifikati fiha.
- (3) Huwa xieraq li dispożizzjonijiet identiċi tar-Regolament tal-Kunsill japplikaw mill-istess dati.
- (4) L-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kunsill jspecifika li r-Regolament tal-Kunsill japplika minn data stabbilita mill-Kunsill, malli l-pre-kondizzjonijiet meħtieġa jkunu ġew sodisfatti, u li l-Kunsill jista' jiddeċiedi li jstabbilixxi dati differenti għall-applikazzjoni ta' diżpożizzjonijiet differenti.
- (5) Il-pre-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kunsill ġew sodisfatti fir-rigward ta' l-Artikolu 1(1), (3), (7) u (8) tiegħu.
- (6) Fir-rigward ta' l-Islanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp ta' daww id-diżpożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż bejn il-Kunsill ta'

l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' din ta' l-aħħar ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen ⁽³⁾, li jaqgħu taħt il-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt G tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim ⁽⁴⁾.

- (7) Fir-rigward ta' l-Isvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp ta' daww id-diżpożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen, fis-sens tal-Ftehim iffirmat bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen ⁽⁵⁾, li jaqgħu taħt il-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt G tad-Deċiżjoni 1999/437/KE li jinqara flimkien ma' l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2004 dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea, u dwar l-iffirmar f'isem il-Komunità Ewropea, u dwar l-applikazzjoni proviżorja ta' ċerti diżpożizzjonijiet ta' dak il-Ftehim ⁽⁶⁾.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. L-Artikolu 1(1) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill għandu japplika mit-13 ta' Ġunju 2005.
2. L-Artikolu 1(7) u (8) tar-Regolament tal-Kunsill għandu japplika mill-11 ta' Settembru 2005.
3. L-Artikolu 1(1), (3), (7) u (8) tar-Regolament tal-Kunsill għandu japplika għall-Islanda u n-Norveġja mill-10 ta' Diċembru 2005.

⁽³⁾ ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.⁽⁴⁾ ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.⁽⁵⁾ Dok. tal-Kunsill 13054/04 aċċessibbli fuq <http://register.consilium.eu.int>⁽⁶⁾ ĠU L 368, 15.12.2004, p. 26. u ĠU L 370, 17.12.2004, p. 78.⁽¹⁾ ĠU L 162, 30.4.2004, p. 29.⁽²⁾ ĠU L 68, 15.3.2005, p. 44.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha. Għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, 13 ta' Ġunju 2005.

Għall-Kunsill
Il-President
J. ASSELBORN
